

# L-UE FIL-#AJJA TAG#NA TA' KULJUM




Parlament  
Ewropew

# IS-SĦUBIJA FL-UE BIDLET IL-PAJJIŻI TAGĦNA U L-ĦAJJA TAGĦNA TA' KULJUM

Is-suq intern, il-ftuħ tal-fruntieri u l-introduzzjoni tal-euro bħala munita komuni huma xi wħud mill-aktar kisbiet importanti tal-Unjoni Ewropea.

Imma d-deċiżjonijiet tal-UE jsawru d-dinja li ngħixu fiha f'ħafna oqsma ferm aktar milli nirrealizzaw.

Kun af aktar permezz ta' xi eżempji konkreti.



# IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

SPIĊĊAW  
IT-TARIFFI  
TAR-ROAMING  
FL-UE




Photo by Mimagephotos

Mill-2017 'il quddiem, ir-residenti taż-Żona Ekonomika Ewropea li jivvjaġġjaw fil-pajjiżi tal-UE jħallsu prezzijiet domestiċi għat-telefonati, messaġġi u l-mobile internet.

[what-europe-does-for-me.eu/mt/portal/2/D14](https://what-europe-does-for-me.eu/mt/portal/2/D14)

# IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

SENTEJN  
GARANZIJA  
FUQ APPARAT  
ELETTRONIKU  
DIFETTUŻ



Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, il-manifatturi jridu jipprovdu garanzija legali ta' sentejn fuq tagħmir elettroniku bħal smartphones, printers, laptops, vacuum cleaners u magni tal-kafè.

[what-europe-does-for-me.europarl.europa.eu/mt/social/G14](https://what-europe-does-for-me.europarl.europa.eu/mt/social/G14)

# IS-SUQ UNIKU U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

STANDARDS  
TAS-  
SIKUREZZA  
TAL-PRODOTT



Il-prodotti mibjugħa fi ħdan l-UE jridu jilħqu l-istandards tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-protezzjoni ambjentali tal-UE. Il-marka CE hi marka ta' ċertifikazzjoni li tindika konformità ma' dawn l-istandards.

[ec.europa.eu/growth/single-market/ce-marking\\_mt](https://ec.europa.eu/growth/single-market/ce-marking_mt)

# IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

INFORMAZZJONI  
FUQ IT-TIKKETTI  
TAL-PRODOTTI



L-UE trid li n-nies ikollhom informazzjoni korretta u kompluta dwar dak li jikkunsmaw. Huwa għalhekk li t-tikketti tal-prodotti tal-ikel iridu jinkludu ċerta informazzjoni, bħall-ingredjenti u l-isem tal-manifattur.

[what-europe-does-for-me.europarl.europa.eu/mt/social/E23](https://what-europe-does-for-me.europarl.europa.eu/mt/social/E23)

# IL-ĦIN TAX-XOGĦOL

TAL-INQAS  
ERBA'  
ĠIMGĦAT TA'  
LIV IMĦALLAS



Id-Direttiva tal-UE  
dwar il-Ħin tax-Xogħol,  
oriġinarjament introdotta  
fl-1993, tagħti  
lill-ħaddiema d-dritt għal  
"liv annwali mħallas ta'  
mill-inqas erba' ġimgħat".  
Kull settur u/jew Stat  
Membru jista' jżid l-għadd  
ta' jiem, imma l-minimu  
tal-UE hu ta' 20 jum.

[ec.europa.eu/social/main.  
jsp?catId=706&langId=mt  
&intPageId=205](https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=706&langId=mt&intPageId=205)

# IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

ĊARĠER  
KOMUNI  
GĦALL-APPARAT  
MOBBLI



Il-mowbajls, it-tablets u l-kameras kollha mibjugħa fl-UE jrid ikollhom port tal-iċċarġjar tal-USB tat-Tip C. Mir-rebbiegħa tal-2026, dan l-obbligu se jiġi estiż għal-laptops.

[single-market-economy.ec.europa.eu](https://single-market-economy.ec.europa.eu)

# IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

PROJBIZZJONI  
FUQ PLASTIK  
LI JINTUŻA  
DARBA BISS



L-UE approvat liġi ġdida li tipprojbixxi oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss bħal platti, pożati, straws u stikek tal-cotton buds. Il-projbizzjoni ilha fis-seħħ mill-2021.

[environment.ec.europa.eu/topics/plastics/single-use-plastics\\_mt](https://environment.ec.europa.eu/topics/plastics/single-use-plastics_mt)

# IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

SEHEM TA' MILL-  
INQAS 42.5% TA'  
ENERĠIJA  
RINNOVABBLI  
SAL-2030.



Biex tiffaċilita t-tranżizzjoni minn fjuwils fossili lejn enerġija aktar nadifa, l-UE żiedet il-mira tagħha tal-enerġija rinnovabbli għal mill-inqas 42.5% tat-taħlita kollha tal-enerġija sal-2030, b'mira ambizzjuża li tilħaq anke il-45%. Dan il-persentaġġ ivarja minn Stat Membru għall-ieħor, skont is-sitwazzjoni f'kull pajjiż.

[what-europe-does-for-me.europarl.europa.eu/mt/social/B104?search=renewable%20energy](https://what-europe-does-for-me.europarl.europa.eu/mt/social/B104?search=renewable%20energy)

# L-UE FIL- ĦAJJA TAGĦNA TA' KULJUM

Tista' ssib aktar eżempji konkreti ta' leġislazzjoni tal-UE fuq  
[what-europe-does-for-me.eu](https://what-europe-does-for-me.eu)